DIRETTIVI

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2013/49/UE

tal-11 ta' Ottubru 2013

li temenda l-Anness II għad-Direttiva 2006/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2006/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni u li thassar id-Direttiva tal-Kunsill 82/714/KEE [1], u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 20, paragrafu 1, tagħha,

Wara li ġie kkonsultat l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.

Billi:

(1) Id-Direttiva 2006/87/KE, ir-Regolament ta' Spezzjoni tal-Bastimenti tar-Rhine u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 164/2010 tal-25 ta' Jannar 2010 dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għar-rappurtaġġ elettroniku tal-bastimenti li jirrapurtaw fin-navigazzjoni interna msemmija fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2005/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar servizzi armonizzati ta' informazzjoni tax-xmajjar (RIS) f'passaġġi fuq l-ilma interni fil-Komunità [2] jiddefinixxu r-rekwiżiti prinċipali għall-iskambju ta' sett minimu ta' dejta tal-buq tal-bastiment fost l-awtoritajiet ta' ċertifikazzjoni u l-awtoritajiet tal-RIS.

(2) Mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2006/87/KE, aktar minn 14 000 bastiment ġew assenjati b'Numru ta' Identifikazzjoni Uniku Ewropew għall-Bastimenti (ENI). L-ammont konsiderevoli ta' ENIs irendi diffiċli l-iskambju effiċjenti tad-dejta mingħajr l-għodda xierqa. Dan jista' jwassal għal riskji ogħla ta' sikurezza matul l-operazzjoni tal-bastiment (ġestjoni tat-traffiku) iżda wkoll għal problemi amministrattivi (eż. għadd doppju fl-istatistiċi). L-ENIs huma maħżuna fit-transponders tas-sistema ta' identifikazzjoni awtomatika (AIS) Interna skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 415/2007 tat-13 ta' Marzu 2007 dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi applikabbli għas-sistemi ta' monitoraġġ u lokalizzazzjoni ta' bastimenti msemmija fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2005/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Servizzi Armonizzati ta' Informazzjoni tax-Xmajjar f'passaġġi fuq l-ilma interni fil-Komunità [3] (RIS) sabiex il-bastimenti jkunu jistgħu jiġu identifikati awtomatikament fil-każ li jiġu pprovduti b'ENI.

(3) L-awtoritajiet kompetenti jeħtieġu din id-dejta b'mod partikolari sabiex jiġi evitat li bastiment wieħed jingħata żewġ ENIs, billi l-awtoritajiet tal-RIS jeħtieġu d-dejta għal diversi applikazzjonijiet tal-RIS, bħal pereżempju li jinżammu djarji dwar il-lock u titħejja l-istatistika dwar il-lock. In-numru ta' transponders tas-sistema ta' identifikazzjoni awtomatika (AIS) interna għadu qed jikber b'mod rapidu u b'hekk l-skambju effiċjenti tad-dejta sar essenzjali għall-funzjonament xieraq tal-immaniġġjar tat-traffiku. Reġistru elettroniku ċentrali (bażi tad-dejta dwar il-buq) li miegħu l-awtoritajiet kollha huma konnessi huwa għalhekk meħtieġ biex jinħoloq skambju effiċjenti tad-dejta u jiġi adattat l-Anness ta' din id-Direttiva għall-progress tekniku.

(4) Fl-istess waqt, in-numru ta' awtoritajiet kompetenti li jistgħu joħorġu ċertifikati Komunitarji ta' navigazzjoni interna żdied b'mod sinifikanti. Fil-preżent, 49 awtorità minn disa' Stati Membri qed jużaw il-bażi tad-dejta għall-identifikazzjoni ta' bastiment u l-assenjazzjoni tal-ENI. Dawn l-Awtoritajiet Kompetenti jeħtiġilhom jiksbu informazzjoni affidabbli dwar il-bastiment u ċ-ċertifikat tiegħu għal preparazzjoni ta' spezzjonijiet tekniċi u għall-ħruġ, it-tiġdid jew l-irtirar ta' dawn iċ-ċertifikati. Wara li ċ-ċertifikat ikun ġie maħruġ, imġedded jew irtirat l-awtoritajiet l-oħra kollha kompetenti għandhom jiġu infurmati. In-nuqqas ta' informazzjoni jew informazzjoni żbaljata tista' tirriżulta f'valutazzjonijiet mhux kompluti mill-awtorità kompetenti, li jistgħu jiddeterminaw xi riskju għas-sikurezza u applikazzjoni żbaljata tar-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 2006/87/KE.

(5) Iż-żieda fl-għadd ta' awtoritajiet kompetenti tal-UE u l-fatt li mhux l-Istati Membri kollha jiskambjaw l-informazzjoni tagħhom dwar l-assenjazzjoni tal-ENI ma' Stati Membri oħra għandha impatt negattiv fuq l-iskambju effettiv ta' informazzjoni bejniethom, li mbagħad tolqot il-ħruġ taċ-ċertifikati skont ir-rekwiżiti tad-Direttiva 2006/87/KE minħabba li huwa possibbli li ż-żewġ ċertifikati jinħarġu bbażati fuq l-istess ENI. Dan jikkuntrasta mas-sitwazzjoni tar-Rhine fejn hemm

[1] ĠU L 389, 30.12.2006, p. 1.
[2] ĠU L 57, 6.3.2010, p. 1.
[3] ĠU L 105, 23.4.2007, p. 35.

biss ftit awtoritajiet li joħorġu ċ-ċertifikati u l-awtoritajiet kollha tar-Rhine huma involuti f'komunikazzjoni attiva bejniethom u b'ħekk jagħmlu l-fluss ta' informazzjoni bejniethom effettiv. L-iskambju effiċjenti ta' dejta bbażata fuq il-bażi tad-data dwar il-buq għalhekk huwa kundizzjoni neċessarja biex jiġi ggarantit livell ekwivalenti ta' sikurezza bejn iċ-ċertifikat Komunitarju ta' navigazzjoni interna u ċ-ċertifikat maħruġ skont l-Artikolu 22 tal-Konvenzjoni Riveduta għan-Navigazzjoni fir-Rhine.

(6) Huwa meħtieġ li jkun żgurat li l-livell ta' protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali tagħhom fil-proċess tal-identifikazzjoni tal-bastimenti jikkonforma mar-rekwiżiti stipulati fid-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta [1] u mar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta [2].

(7) Għalhekk, id-Direttiva 2006/87/KE għandha tiġi emendata skont dan.

(8) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/672/KEE tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar ir-rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikati nazzjonali tal-kaptani għat-trasportazzjoni ta' merkanzija u ta' passiġġieri permezz ta' passaġġi interni fuq l-ilma [3],

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness II tad-Direttiva 2006/87/KE huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

Stati Membri li għandhom passaġġi fuq l-ilma interni kif imsemmija fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2006/87/KE għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva fi żmien sena mid-dħul tagħha fis-seħħ. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir din ir-referenza.

Artikolu 3

Kull proċessar ta' dejta personali għall-għan ta' din id-Direttiva għandu jkun konformi mad-Direttiva 95/46/KE u r-Regolament (KE) Nru 45/2001.

Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri li għandhom passaġġi fuq l-ilma interni kif imsemmija fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2006/87/KE.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Ottubru 2013.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

[1] ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.
[2] ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.
[3] ĠU L 373, 31.12.1991, p. 29.

ANNESS

Fl-Anness II għad-Direttiva 2006/87/KE, l-Artikolu 2.18(6) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. L-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu 5 għandhom idaħħlu mingħajr dewmien kull Numru ta' Identifikazzjoni Uniku Ewropew għall-Bastimenti assenjat, id-dejta għall-identifikazzjoni tal-bastiment stabbilit fl-Appendiċi IV kif ukoll kwalunkwe bidliet fir-reġistru elettroniku miżmum mill-Kummissjoni ("il-bażi tad-dejta dwar il-buq"). Din id-dejta tista' tintuża mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra u l-Istati Kontraenti tal-Konvenzjoni ta' Mannheim, għall-iskop uniku li jitwettqu miżuri amministrattivi għaż-żamma tas-sigurtà u l-iffaċilitar tan-navigazzjoni u għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 2.02 sa 2.15 u l-Artikolu 2.18 (3) ta' dan l-Anness kif ukoll l-Artikoli 8, 10, 11, 12, 15, 16 u 17 ta' din id-Direttiva.

L-Istati Membri għandhom, konformement mal-leġiżlazzjoni tal-Komunità jew dik nazzjonali, jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw il-kunfidenzjalità tat-tagħrif mibgħut lilhom skont din id-Direttiva u għandhom jużaw dan it-tagħrif konformement ma' din id-Direttiva.

L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tista' tittrasferixxi dejta personali lil pajjiż terz sakemm jintlaħqu r-rekwiżiti tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), b'mod partikolari l-Artikoli 25 jew 26, u biss fuq bażi ta' każ każ. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru għandha tiżgura li t-trasferiment ikun neċessarju għall-fini msemmija fis-subparagrafu 1. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali ma jittrasferixxux id-dejta lil pajjiż terz ieħor jew organizzazzjoni internazzjonali oħra sakemm ma jingħatawx l-awtorizzazzjoni espressa bil-miktub u li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet speċifikati mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru.

It-trasferiment ta' dejta personali lil pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali mill-Kummissjoni għandhom jitwettqu sakemm ir-rekwiżiti tal-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**) jiġu ssodisfati u abbażi ta' każ każ biss. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li t-trasferiment ikun neċessarju għall-fini msemmija fis-subparagrafu 1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali ma tittrasferixxix id-dejta lil pajjiż terz ieħor jew organizzazzjoni internazzjonali sakemm ma tingħata l-awtorizzazzjoni espressa bil-miktub u li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet speċifikati mill-Kummissjoni.

(*) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.
(**) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1."